31996R1000

5.6.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 134/9

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1000/96**

**ta' l-4 ta' Ġunju 1996**

**Nru 1538/91 li jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti *standards* ta' *marketing* tat-tjur**

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90 tas-26 ta' Ġunju 1992 dwar ċerti standards ta' *marketing* tat-tjur (1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3204/93 (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1538/91 (3), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 205/96 (4), jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti *standards* ta' *marketing* tat-tjur;

Billi, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, id-defenizzjoni ta' ħasi u l-kriterji li għandhom x'jaqsmu magħha fl-Anness IV tar-Regolament (KEE) Nru 1538/91 għandhom jiġu emendati;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Regolament (KEE) Nru 1538/91 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1 (1) (a) it-tielet inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:

   "— ħasi: tajra raġel ikkastrat b'mod kirurġiku qabel ma jilħaq il-maturità sesswali u maqtul f'età minima ta' 140 ġurnata: wara li jiġi kkastrat il-ħasi għandu jiġi mħaxxen għal mill-inqas 77 ġurnata."

2. L-Anness IV huwa emendat kif segwit:

   — it-tieni inċiż fit-tieni inċiż ta' punt (ċ) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "— 2 m² għal kull papra jew għal kull ħasi,"

   — it-tieni inċiż fl-aħħar inċiż ta' punt (d) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "— għal ħasi: erba' ġimgħat."

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fit-totalità tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-4 ta' Ġunju 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 1.
(2) ĠU L 289, ta' l-24.11.1993, p. 3.
(3) ĠU L 143, tas-7.6.1991, p. 11.
(4) ĠU L 27, tat-3.2.1996, p. 6.